mt

I-Unjoni Ewropea
Politika reġjonali

# inforegio panorama

| Nru. 23 | Settembru 2007 |



## Ir-reġuni fil-qalba tal-politika marittima Ewropea

# Sommarju

## Ir-reġjuni *fil-qalba tal-politika marittima Ewropea*


**Il-politika marittima Ewropea: mill-Green Paper għall-pjan ta' azzjoni** 3



**L-ibliet tal-portijiet li qed jinbidlu** 7

**Il-*clusters* marittimi, f'salib it-toroq bejn l-innovazzjoni u l-iżvilupp reġjonali** 9



**Il-FEDER fl-azzjoni: il-Litwanja, l-Estonja, il-Portugall, l-Italja** 13



**Xhieda: CRPM-CPMR** 14

**Kummentarju: Il-ġejjieni jinsab mal-kosta** 15

Flimkien mar-ristrutturar tas-setturi ewlenin ta' l-ekonomija tiegħu, fosthom il-biedja, is-sajd, u l-industrija ta' l-azzar, ir-reġjun ta' l-Asturja bi ħsiebu jivvalorizza l-assi naturali, kulturali u umani tal-kosta tiegħu, sabiex jassigura l-iżvilupp (mill-ġdid) tagħhom.



**Xhieda: INTEREG IIIB Baħar tat-Tramuntana** 20



**INTERREG fl-azzjoni** 21



Ritratti (paġni): Kummissjoni Ewropea (1, 3, 4, 5, 7, 8, 9, 10, 12, 13, 14, 15, 16), ESPO(11), Koneteknologiakeskus Turku Oy (14), Pomorskie Voivodeship Uffiċċju Reġjonali fi Brussell (15), Finanšu ministrija (17), CIMBA (17), Aurora (17), Pärnu (17), CPMR (18), Gobierno del Principado de Asturias (19), Jean-Luc Janot (20, 25), Puerto de Gijón (22), Ayuntamiento de Avilés (23), Ministerie van Verkeer en Waterstaat (24), University College Cork (25), Baltic Gateways (25).

Rapport: Il-villaġġ ta' Smögen fuq il-kosta tal-punent ta' l-Iżvezja - Photo William Steward (Kummissjoni Ewropea).

Taw sehemhom ukoll fil-kitba ta' din il-ħarġa: Jean-Yves Dalleau, Pierre Ergo, Jean-Luc Janot.
Editur responsabbli: Ana-Paula Laissy, Kummissjoni Ewropea, DĠ Politika reġjonali
Din ir-rivista hija stampata bil-Ġermaniż, bl-Ingliż u bil-Franċiż fuq karta rriċiklata.

Il-fajl tematiku huwa disponibbli f'22-il lingwa ta' l-Unjoni Ewropea fuq is-sit Internet: http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm



L-opinjonijiet imfissra f'din il-pubblikazzjoni huma dawk ta' l-awtur u mhux bilfors jirriflettu l-opinjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea.

# Il-politika marittima Ewropea: mill-Green Paper għall-pjan ta' azzjoni

*Ta' Nicolas Mariel u Frederico Ferreira* [1]

**Hija u tippreżenta, nhar l-10 ta' Ottubru 2007, il-*Blue Paper* għal politika marittima integrata ta' l-Unjoni Ewropea, («*Oċean ta' opportunitajiet*») u l-pjan ta' azzjoni li fih, il-Kummissjoni kienet qed twieġeb għal ħtieġa li ilha tinħass għal bosta snin iżda li l-evidenza għaliha ħarġet biċ-ċar biss ftit żmien ilu: dik ta' koordinazzjoni tal-linji politiċi marbutin ma' l-ispazju marittimu u tal-kosta Ewropew**



*Sajd lil hinn mill-kosta ta' Thyborøn (id-Danimarka)*

Barra li huwa regulatur tal-klima u tal-pjaneta, il-baħar jimpjega 5 miljun ħaddiem Ewropew u jirrappreżenta riżerva konsiderevoli ta' impjiegi, l-aktar f'setturi bħalma huma dawk ta' l-enerġija rinnovabbli u t-telekomunikazzjonijiet.

Sa llum il-gurnata, l-intervent Ewropew fil-qasam marittimu kien limitat għall-iżvilupp ta' attivitajiet settorjali (trasport, ambjent, riċerka...), permezz tal-ħolqien ta' inċentivi jew restrizzjonijiet, mingħajr ma kien ibbażat fuq loġika ta' żvilupp sostenibbli, b'rispett għall-ġejjieni ta' dan il-patrimonju komuni.

Din ix-xejra issa tidher li nqalbet permezz tat-tnedija tal-politika marittima Ewropea ġdida u integrata li ngħatat bidu mill-Kummissjoni Barroso fil-qafas ta' l-istrateġija tagħha 2005-2009. L-implimentazzjoni ta' din il-politika ser issir f'diversi stadji, li ser tibda b'fażi ta' konsultazzjoni.

B'hekk il-*Green Paper* għal politika marittima ta' l-Unjoni, li ġiet ippreżentata f'Ġunju 2006, fetħet fuq medda ta' tlettax-il xahar firxa wiesgħa ta' konsultazzjoni dwar il-ħtieġa ta' politika marittima integrata u dwar l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi f'dan il-qasam. Ir-riżultati sebqu l-aspettattivi, bi kważi 500 kontribuzzjoni bil-miktub ġejjin minn gvernijiet u reġjuni, intrapriżi privati, *trade unions*, NGOs kif ukoll minn ċittadini normali, indirizzati lit-*Task Force* għall-Politika marittima, servizz *ad hoc* maħluq għall-elaborazzjoni u s-segwitu ta' din il-politika ġdida flimkien mad-Direttorat Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi.

## Boxxla...

Bis-saħħa ta' dan l-appoġġ tas-soċjetà ċivili, kif ukoll ta' awtoritajiet pubbliċi bħalma huma l-Kumitat tar-Reġjuni jew il-Presidenza Ġermaniża ta' l-UE (l-ewwel semestru 2007), il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti bidu għat-tieni fażi ddedikata għall-formulazzjoni ta' azzjonijiet li jippermettu t-twaqqif ta' qafas konkret għat-twettiq ta' politika marittima integrata. Dan huwa l-għan tal-*Blue paper*, ippreżentata nhar l-10 ta' Ottubru 2007 mill-President tal-Kummissjoni, José Manuel Barroso, u Joe Borg, il-Kummissarju inkarigat mis-Sajd u l-Affarijiet marittimi. Il-blue paper huwa "pakkett" li jiġbor

(1) Rispettivament Analista tal-Politika u Assistent Analista tat-*Task Force* tal-Politika marittima, DG Sajd u Affarijiet Marittimi, Kummissjoni Ewropea.

żewġ Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, b'orjentazzjoni politika, u żewġ dokumenti ta' ħidma – pjan ta' azzjoni u studju ta' impatt - elaborati taħt il-koordinazzjoni tat-*Task Force* tal-Politika marittima fil-qafas ta' kooperazzjoni intensiva bejn id-diversi servizzi tal-Kummissjoni, appoġġjata fuq livell għoli mill-Kummissarji nfushom miġburin fi grupp ta' kuntatt.



*Taħriġ dwar sigurtà marittima*

Il-**pjan ta' azzjoni**, li għandu jiġi adottat matul il-Kunsill tal-Ministri ta' Diċembru 2007, tabilħaqq jikkostitwixxi l-"bibbja" tal-politika marittima Ewropea ġdida. Dan jipprevedi madwar tletin azzjoni li jaqgħu taħt ħames objettivi prinċipali:

- li jiġi ffaċilitat l-isfruttar sostenibbli ta' l-ibħra u ta' l-oċeani;
- il-ħolqien ta' bażi ta' għarfien u ta' innovazzjoni għall-politika marittima;
- l-offerta ta' kwalità ta' ħajja aħjar fir-reġjuni tal-kosta;
- il-promozzjoni tal-pożizzjoni ta' l-Unjoni bħala mexxejja fil-qasam marittimu internazzjonali;
- it-titjib tal-viżibilità ta' l-Ewropa marittima.

Xi wħud minn dawn l-azzjonijiet huma "strutturali", jiġifieri relatati ma' linji politiċi tradizzjonali ta' l-Unjoni. Dan japplika għall-Komunikazzjonijiet dwar il-politika tal-portijiet, li hija relatata mal-politika tat-trasport, u mal-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux iddikjarat, u mhux irregolat, li taqa' taħt il-politika komuni tas-sajd. Oħrajn huma tassew innovattivi u jmorru lilhinn mill-qafas ta' politika tradizzjonali. L-istess jista' jingħad għall-użu ta' għodda ġodda ta' teħid ta' deċiżjonijiet politiċi previsti fil-*blue paper*, bħalma huma l-ippjanar spazjali ta' l-attivitajiet differenti tal-baħar, il-ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta, it-twaqqif ta' netwerks Ewropej ta' osservazzjoni u ta' informazzjoni ta' l-ambjent marittimu kif ukoll l-interoperabbiltà tas-sistemi Ewropej ta' sorveljanza.

Ir-*road map* iffissata mill-pjan ta' azzjoni tistabbilixxi skeda relattivament stretta, li tipprevedi t-twettiq tal-biċċa l-kbira ta' l-azzjonijiet tul is-sena 2008, l-iktar tard sal-bidu tas-sena 2009. Ċerti azzjonijiet diġà ġew mwettqa permezz tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti: dokument ta' ħidma dwar il-*clusters* marittimi, Komunikazzjoni dwar il-politika tal-portijiet, dokument ta' konsultazzjoni dwar l-awtostradi tal-baħar u t-trasport marittimu mingħajr fruntieri, Komunikazzjoni dwar il-prattiki ta' sajd qerrieda, Komunikazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali marittima, dokument ta' ħidma dwar il-politika ta' l-enerġija marittima, eċċ.

### ...u tmun

Huwa importanti li wieħed jagħmilha ċara li l-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni timplika bażi ġdida għal li għandu x'jaqsam mal-governanza. L-idea ġenerali hija li m'għandhomx jiżdiedu regoli mar-regoli eżistenti, li m'għandhiex tinħoloq struttura amministrattiva supplimentari u li fuq kollox, li jkunu involuti kemm jista' jkun il-partijiet kollha involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jingħabar il-kunsens tagħhom qabel ma jiġu mnedija azzjonijiet konkreti. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-għodda l-ġodda bħalma huma l-ippjanar spazjali li ser jintuża permezz tat-tfassil ta' proġetti piloti. Bl-istess mod il-pjan ta' azzjoni jagħti importanza lill-miżuri ta' inċentivi u jipprevedi faċilitajiet għall-proġetti li jirrispettaw il-prattiki tajbin.

Ċertament, wieħed jista' joġġezzjona li l-biċċa l-kbira tal-miżuri previsti fi kwalunkwe każ kellhom jiġu adottati mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni. Iżda l-għan tal-politika marittima Ewropea integrata hu li dawn jiġu kkoordinati sabiex jiġi rrispettat l-objettiv globali ta' żvilupp raġunat. Huwa dan it-tħassib li tfisser fil-proċess ta' konsultazzjoni tal-*Green Paper* u huwa għalhekk li l-istruttura "Affarijiet marittimi" tad-DĠ Sajd normalment għandha tara l-eżistenza tagħha kkonfermata u s-saħħa tagħha rrinforzata f'ġejjieni qarib.




*Modernizzar tal-port ta' Quarteira (il-Portugall)*

## Ir-Reġjuni ultraperiferali: il-biċċa l-kbira ta' l-Ewropa

L-Ażores, il-Gżejjer Kanarji, il-Guadeloupe, Gujana, Madejra, Martinique u Réunion: is-seba' Reġjuni ultraperiferali (RUP) flimkien għandhom diżabilitajiet permanenti(1) marbutin mad-distanza u l-iżolament, mar-restrizzjonijiet klimatiċi, territorjali, demografiċi u ekonomiċi, li jiġġustifikaw il-possibbiltà li l-linji politiċi Komunitarji jiġu adattati għall-qagħda tagħhom. Iżda, peress li huma reġjuni integrati ma' l-UE fuq żewġ oċeani (Atlantiku u Indjan), ir-RUP jikkostitwixxu assi wkoll. B'erja ta' aktar minn 3 000 000 km², iż-»Żoni ekonomiċi esklużivi»(ŻEE) tar-RUP huma ekwivalenti għall-erja totali tal-Mediterran u tal-Baltiku. Jekk wieħed iżid il-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (ODT)(2), l-Unjoni Ewropea hija preżenti fit-tliet oċeani u għandha l-akbar spazju marittimu mondjali.



Sa llum il-ġurnata ir-RUP għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom riżorsi tas-sajd relattivament preżervati li għadhom jippermettu żvilupp raġonevoli ta' l-attivitajiet tas-sajd. Ma' dawn hemm ukoll ir-riżorsi turistiċi tagħhom. Minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi u ġeofiżiċi tagħhom u r-rikkezza tal-bijodiversità marittima tagħhom, huma jikkostitwixxu wkoll «laboratorji» f'oqsma bħall-ambjent, il-klima u l-enerġija, skond l-objettivi ta' Liżbona u ta' Göteborg għal żvilupp sostenibbli.

F'dan ir-rigward, ir-RUP joffru spazju privileġġjat, fil-fruntieri estremi ta' l-Unjoni, għal każvilupp sostenibbli tat-territorji kollha tal-baċiri marittimi rispettivi tagħhom. Meta ma jkunux iżolati fil-baħar, bħal per eżempju l-Ażores, dawn jinsabu fil-viċininza immedjata ta' Stati terzi kkonfrontati bi sfidi ta' żvilupp aktar iebsin. Id-djalogu bejn l-UE, ir-RUP tagħha, l-Istati Membri tagħhom u l-Istati terzi jista' jikkontribwixxi għal avvanzi sinifikattivi f'bosta oqsma: il-ġestjoni konġunta u sostenibbli ta' l-istokks tas-sajd, il-ġlieda kontra l-faqar, is-sigurtà marittima, l-immigrazzjoni...

Huwa ċar li r-RUP għandhom kull interess fit-twaqqif ta' politika marittima Ewropea. Fil-qafas tal-programm INTERREG IIIC Sud, huma żviluppaw proġett RUPMER sabiex jagħtu l-kontribut tagħhom għall-*Green Paper* dwar dan is-suġġett. L-elaborazzjoni ta' din il-politika timplika b'mod partikolari għal dawn ir-reġjuni xi konsiderazzjonijiet internazzjonali. L-ewwel konklużjoni ta' RUPMER hija l-ħtieġa ta' trattament iddifferenzjat għal kull baċir marittimu, sabiex jiġu kkunsidrati l-ispeċifikazzjonijiet tar-RUP kemm b'relazzjoni għall-bqija ta' l-UE kif ukoll bejn ż-żoni tal-Karibew, tal-Lbiċ ta' l-Oċean Indjan u dak Makaroneżjan (Madejra - Ażores – Gżejjer Kanarji).

Il-ħarsien ta' l-ambjent marittimu tar-RUP jassumi li l-informazzjoni dwar dan is-suġġett tkun inkluża fid-*databases* Ewropej għall-finijiet ta' Atlas tal-Baħar għall-futur. Il-promozzjoni ta' riċerka speċjalizzata madwar ir-RUP (enerġiji rinnovabbli, bijoteknoloġiji blu, bidla fil-klima, prevenzjoni tar-riskji…) teħtieġ li l-organizzazzjonijiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) jingħabru fi ħdan netwerk flimkien ma' dawk tal-bqija ta' l-UE. Fl-aħħarnett, is-sajd juri biċ-ċar il-ħtieġa ta' politika adattata għall-kuntest ġeografiku tar-RUP, kif ukoll li jingħata kontribut għall-iżvilupp tagħhom u għall-ġestjoni konġunta sostenibbli tar-riżorsi ma' l-Istati terzi ġirien.

Il-Komunikazzjoni dwar politika marittima integrata, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà ta' trattament integrat għal kull wieħed mit-tliet baċiri marittimi kkonċernati u l-importanza tar-RUP f'termini ta' R&Ż, tindika d-direzzjoni meħtieġa.

***Kuntatt:*** ***regionreunion1@wanadoo.fr***

(1) Artikolu 299(2) tat-Trattat.

(2) OCT (*Overseas Countries and Territories*) : madwar għoxrin territorju li kostituzzjonalment jagħmlu parti minn erba' Stati membri (id-Danimarka, Franza, l-Olanda, ir-Renju Unit), li m'humiex parti mit-territofju ta' l-UE iżda lanqas m'huma Stati indipendenti.

## NET-BIOME: ir-riċerka għas-servizz ta' l-iżvilupp sostenibbli tat-territorji ultraperiferali

Net-Biome huwa proġett tas-6 Programm qafas ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku (FPRTD) li jassoċja għall-ewwel darba s-7 Reġjuni ultraperiferali (RUP) u l-biċċa l-kbira tal-Pajjiżi u Territorji barranin (OCT) taż-żoni tropikali u subtropikali li jappartjenu lil 5 pajjiżi Ewropej (Spanja, Franza, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit). Ir-RUP u l-OCT jirrappreżentaw bijodiversità marittima u terrestri eċċezzjonali, li huma assi maġġuri għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom (biedja, sajd, turiżmu). Madankollu, l-ambjenti tagħhom huma aktar vulnerabbli għall-bidla fil-klima, riskji naturali u attivitajiet tal-bniedem mill-bqija ta' l-UE. Net-Biome timmira għal kooperazzjoni fir-riċerka dwar il-bijodiversità, bil-għan li tiżviluppa strateġiji u mudelli oriġinali ta' ġestjoni sostenibbli li jkunu jistgħu jinqasmu ma' l-Ewropa kontinentali u l-pajjiżi terzi ġirien tagħhom

***Kuntatt:*** ***josiane.irissin-mangata@cr-reunion.fr***

## Kapitolu dwar it-tkabbir sostenibbli : il-politika Ewropea għall-portijiet

**Fil-ftuħ tal-Komunikazzjoni tagħha dwar politika marittima integrata, il-Kummissjoni adottat nhar it-18 ta' Ottubru 2007 Komunikazzjoni dwar politika Ewropea għall-portijiet[1] li tirrifletti r-riżultati ta' konsultazzjoni wiesgħa tal-partijiet involuti.**

Il-portijiet Ewropej, sew jekk marittimi kif ukoll tax-xmajar, qed iħabbtu wiċċhom ma' sfidi kumplessi: domanda akbar għat-trasport; bidliet teknoloġiċi kbar (trasport f'kontenituri, telekomunikazzjonijiet, informazzjoni); il-ħtiġijiet ambjentali, li jinkludu ġestjoni intermodali tat-trasport li tiffavorixxi r-rwol tal-portijiet; il-ħtieġa ta' djalogu bejn l-atturi kollha marbuta ma' l-attivitajiet tal-portijiet, inklużi bliet u reġjuni; u fl-aħħarnett, il-ħarsien tar-regoli Komunitarji b'mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u l-kompetizzjoni. Sabiex tiġi promossa sistema tal-port li tikkontribwixxi b'mod sħiħ għat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi, il-Kummissjoni qed tfassal pjan ta' azzjoni li jinkludi, fi ftit kliem, l-elementi li ġejjin:

- **It-tijib tal-prestazzjoni tal-portijiet u r-relazzjoni ma' l-intern ta' pajjiż.** Għalkemm il-portijiet Ewropej l-aktar kbar jistgħu jitqiesu li huma effiċjenti, bosta portijiet għandhom problemi ta' konġestjoni f'dak li jirrigwarda l-kapaċità, il-konnessjonijiet jew l-organizzazzjoni. Huwa importanti li nassiguraw ġestjoni integrata tal-kanal ta' trasport u li nistudjaw itinerarji ġodda, billi nipproċedu għal evalwazzjoni bir-reqqa qabel ma jinbnew infrastrutturi ġodda.
- **It-tkabbir tal-kapaċità b'ħarsien għall-ambjent.** Il-Kummissjoni ser tippubblika xi orjentamenti li jimmiraw sabiex jiffaċilitaw l-applikazzjoni tad-direttivi ambjentali (ambjenti naturali, għasafar, ilma, skart) fil-ġestjoni tal-portijiet. Dan jimplika wkoll l-introduzzjoni ta' l-installazzjonijiet adegwati għat-trattament ta' l-iskart, l-assigurazzjoni ta' ġestjoni mingħajr periklu għas-saħħa ta' mases ta' ilma u ta' ħama u l-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u t-tniġġis ta' l-arja.
- **L-immodernizzar ta' l-attività fil-portijiet** permezz ta' l-introduzzjoni ta' sistemi ġodda ta' sigurtà marittima u ta' telekomunikazzjonijiet. It-»trasport marittimu *on-line* «, b'mod partikolari, jiffaċilita l-ipproċessar amministrattiv tan-navigazzjoni u tal-loġistika. It-tagħmir ġdid awtomatiku tal-portijiet ukoll għandu rwol importanti f'dan ir-rigward. Finalment, hemm lok li jiġu ssimplifikati l-proċeduri tat-trasport marittimu ta' distanza qasira sabiex dan jiġi mħeġġeġ fis-suq intern u jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' »awtostradi tal-baħar.»
- **L-istabbiliment ta' regoli ġuridiċi ġusti u trasparenti għall-investituri, l-operaturi u l-utenti:** ir-rwol ta' l-awtoritajiet tal-portijiet, finanzjament pubbliku, konċessjonijiet tal-portijiet, servizzi tekniċi nawtiċi, (pilotaġġ, irmunkar...), manutenzjoni tal-merkanziji, tariffi tal-portijiet, kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi.
- **L-istabbiliment ta' djalogu bejn il-portijiet u l-ibliet** (ara l-artikolu).
- **L-iżvilupp ta' djalogu settorjali dwar ix-xogħol fil-portijiet** u t-titjib tal-kundizzjonijiet ta' taħriġ, ta' sigurtà u ta' iġjene.

(1) COM(2000) 616 finali tat-18.10.2007: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/mt/com/2007/com2007_0616mt01.pdf



# L-ibliet tal-portijiet li qed jinbidlu

*Ta' Patrick Verhoeven* (1)

**Fl-interessi tat-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, il-portijiet u l-ibliet iridu jerġgħu jissieħbu.**




L-Ewropa fit-totalità tagħha għandha 'l fuq minn 1 000 port marittimu. Madankollu, għandu jiġi osservat li l-biċċa l-kbira tagħhom huma ta' daqs żgħir jew medju: 700 port jipproċessaw inqas minn miljun tunnellata ta' merkanzija fis-sena. Fuq in-naħa l-oħra ta' l-ispettru, madwar għaxar portijiet kbar jipproċessaw 'il fuq minn 50 miljun tunnellata.

## Il-portijiet tal-baħar, bażi ta' tkabbir għall-Ewropa

Bosta portijiet Ewropej raw splużjoni fl-attività tagħhom f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Din ix-xejra għandha tkompli, b'mod partikolari għat-trasport ta' kontenituri li għandu jkompli jiżdied b'mod qawwi. Dan huwa dovut l-aktar minħabba l-espansjoni rapida tas-swieq Ażjatiċi u b'mod partikolari l-importazzjonijiet miċ-Ċina.

Din ix-xejra tiffavorixxi l-parteċipazzjoni ta' numru ikbar ta' portijiet Ewropej fis-swieq mondjali. Il-portijiet tal-kontenituri li raw l-akbar tkabbir fis-sena 2006 kienu kollha ta' daqs żgħir jew medju, u jinsabu mxerrdin madwar il-kontinent. Għalhekk is-settur huwa dejjem iktar iddiversifikat f'dak li jirrigwarda n-numru ta' portijiet implikati, ta' funzjonijiet u ta' servizzi, ħaġa li toffri lit-trasportaturi għażla akbar għal li għandu x'jaqsam ma' l-itinerarji.

Sabiex jirrispondu għal din iż-żieda fid-domanda, il-portijiet Ewropej iridu jinvestu f'kapaċitajiet ġodda ta' lqugħ u jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom konnessjonijiet affidabbli ma' l-intern tal-pajjiż tagħhom. Iżda wieħed mill-ostakoli ewlenin għal dan huwa l-inċertezza ġuridika marbuta ma' l-implimentazzjoni tar-regoli ambjentali Komunitarji. B'hekk, xi proġetti tal-portijiet importanti raw dewmien sinifikanti minħabba r-ritmu bil-mod u tqil tal-proċeduri.

## Rikonverżjoni tal-fruntieri tal-baħar

Kien fir-Renju Unit, fil-bidu tas-seklu 19, li deher għall-ewwel darba l-kunċett ta' port modern: f'termini ta' infrastrutturi, inġinerija, tekniki ta' manutenzjoni u ta' ġestjoni, portijiet bħal dawk ta' Londra u Liverpool kienu pijunieri li inspiraw lill-kompetituri kontinentali tagħhom. B'xi mod l-istorja reġgħet irrepetiet ruħha 150 sena wara meta, fl-1981, bir-rikonverżjoni tal-baċiri tagħha, Londra fetħet it-triq għar-rijabilitazzjoni taż-żoni antiki tal-portijiet f'kull parti ta' l-Ewropa.

Għalkemm il-proġetti huma differenti, kollha għandhom karatteristika komuni: li jagħtu lura lill-belt iż-żoni tal-portijiet mitluqa jew mhux użati sabiex minnhom joħorġu spazji għal uffiċċji, ċentri ta' akkomodazzjoni u divertiment, bl-attivitajiet tal-portijiet installati 'il barra, 'il bogħod miċ-ċentru. Eżempju tajjeb ta' din il-bidla huwa l-proġett «HafenCity» ta' Ħamburg: id-dħul iġġenerat mill-bejgħ ta' bini li jinsab direttament maġenb il-baħar, fil-port antik viċin ħafna taċ-ċentru tal-belt, ippermetta l-finanzjament tat-terminal ultramodern għall-kontenituri f'Altenwerder fuq ix-xatt tan-Nofsinhar ta' l-Elbe.

## Rijabilitazzjoni tal-belt tal-port

Dan it-teħid mill-ġdid tax-xtut u l-fruntieri tal-baħar li seħħ f'kull parti ta' l-Ewropa ta' spiss fired l-ibliet mill-port tagħhom: f'bosta bliet Ewropej tal-portijiet, il-viżitatur li ma jkunx avżat ma jindunax mal-ewwel li l-belt fejn ikun jinsab fiha port importanti. Ta' spiss, huwa jara biss medda ta' ilma fejn ġieli jgħaddu ċattri u jottijiet, mollijiet użati għall-mixi,

(1) Segretarju ġenerali ta' l-ESPO (European Sea Ports Organisation / Organizzazzjoni Ewropea tal-Portijiet tal-Baħar).
E-mail: pverhoeven@espo.be – Web: www.espo.be

baċiri kkonvertiti f'attrazzjonijiet turistiċi u mħażen antiki ttrasformati fi ħwienet tax-xogħol skond l-aħħar moda.

Iżda dawk li jmexxu l-portijiet qed isaqsu dejjem aktar lilhom infushom jekk din il-prattika hijiex sostenibbli. Nibdew bl-isfida ta' l-ispazju għax ir-rati ta' tkabbir li qed naraw għal li għandu x'jaqsam mat-trasport jeħtieġu kapaċità dejjem akbar ta' lqugħ. Issa hemm nuqqas ta' art u pressjonijiet ambjentali b'saħħithom li qed jillimitaw it-tkabbir tal-portijiet, ħaġa li ta' spiss iġġiegħel lil dawn ta' l-aħħar jerġgħu lura fl-intern ta' l-ibliet ħalli hemmhekk jiżviluppaw mill-ġdid żoni antiki ta' attivitajiet tal-portijiet.

Flimken ma' dan hemm ukoll problema ewlenija: is-sindromu ta' «Mhux fil-bitħa tiegħi», li tagħmel diffiċli l-eżistenza ta' attivitajiet tal-portijiet fil-viċinanzi ta' żoni abitati. Madankollu dan huwa proċess inevitabbli għal bosta portijiet u li jitlob sforz min-naħa taż-żewġ partijiet: l-awtoritajiet tal-portijiet għandhom jassiguraw li l-port ikun kemm jista' jkun wieħed nadif, diskret u sigur; iċ-ċittadini, min-naħa tagħhom, iridu jifhmu li l-port huwa utli għall-kumdità u l-benesseri tagħhom b'mod ġenerali. Huwa permezz ta' din il-kundizzjoni biss li nistgħu niżguraw rijabilitazzjoni ta' l-ibliet tal-portijiet fl-Ewropa.

Sabiex nagħmlu ċert li l-popolazzjonijiet lokali jkunu iktar favur l-attivitajiet tal-portijiet, l-ewwelnett jeħtieġ li l-port ikun iktar viżibbli f'għajnejn il-pubbliku. Wieħed irid jikkonvinċi lin-nies li fl-essenza tagħhom il-portijiet huma positjiet affaxxinanti. Għalhekk, jeżistu possibbiltajiet li għadhom fil-biċċa l-kbira ma ġewx sfruttati sabiex tinħoloq sħubija mas-setturi tat-turiżmu, tad-divertiment, tal-kultura u tal-patrimonju bil-għan li ċ-ċittadini jiffamiljarizzaw rwieħhom ma' l-univers tal-portijiet u tat-trasport marittimu. Fl-era tal-Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Bastimenti u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet u miżuri oħra ta' prekawzjoni, din hija sfida partikolari, li titlob ċerta kreattività min-naħa ta' dawk li jmexxu tal-portijiet.

## L-iżvilupp sostenibbli tal-portijiet fil-qalba tal-politika ġdida Ewropea tal-portijiet

Nhar it-18 ta' Ottubru 2007, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat Komunikazzjoni ġdida dwar il-politika Komunitarja tal-portijiet(2). Meta mqabbla ma' l-inizjattivi preċedenti, din il-komunikazzjoni tagħti ħafna importanza lill-iżvilupp




sostenibbli tal-portijiet, hekk kif tirrikonoxxi n-neċessità ta' ċarezza tar-regoli applikabbli tal-leġiżlazzjoni ambjentali ta' l-UE. L-awtoritajiet Ewropej tal-portijiet assoċjati fi ħdan l-ESPO jilqgħu b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni magħmula mill-Kummissjoni li tipproduċi linji gwida għall-applikazzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni ta' l-iżvilupp tal-portijiet.

Il-Komunikazzjoni timmira wkoll għat-titjib fil-kooperazzjoni bejn l-ibliet u l-portijiet, inizjattiva li ntlaqgħet ukoll b'mod favorevoli mis-settur. Għalkemm l-ewwel responsabbiltà għall-integrazzjoni tal-portijiet fl-ibliet u l-ħajja urbana taqa' fuq l-awtoritajiet lokali u tal-portijiet, il-Kummissjoni Ewropea tista' sservi bħala katalista għall-proċedura hekk kif tappoġġja l-prattiki tajbin u t-tagħlim ta' wieħed lill-ieħor. Il-proposta tagħha li jkun organizzat kull sena jum «*bil-bibien miftuħa*» hija eżempju tajjeb ta' sħubija li tista' tiġi żviluppata bejn awtoritajiet tal-portijiet u awtoritajiet urbani ta' l-Ewropa.

(2) COM(2000) 616 finali tat-18.10.2007: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/mt/com/2007/com2007_0616mt01.pdf

# Il-*clusters* marittimi, f'salib it-toroq bejn l-innovazzjoni u l-iżvilupp reġjonali

*Ta' Patrick Bernard-Brunet* (1)

**Il-*clusters* jistgħu jkunu l-istrument prinċipali ta' politika marittima ambizzjuża, li jippermetti kemm riżultati konkreti għal li għandu x'jaqsam ma' l-innovazzjoni teknoloġika u kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku tat-territorji**



Il-kelma Ingliża «*cluster*», li tirreferi għall-idea ta' ġabra, tindika l-formazzjoni ta' grupp ta' intrapriżi ta' l-istess settur, ta' spiss preżenti fl-istess qasam ta' impjieg. B'mod aktar preċiż, skond Michael E. Porter ta' l-Università ta' Harvard, *cluster* hija «*konċentrazzjoni ta' intrapriżi interkonnessi, ta' fornituri speċjalizzati, ta' fornituri ta' servizzi u ta' istituzzjonijiet assoċjati (universitajiet, assoċjazzjonijiet kummerċjali,...)*».

## Forom differenti ta' "*clustering*"

Dawn il-gruppi ta' intrapriżi u ta' professjonisti, li jaffettwaw is-setturi kollha ta' attività, jistgħu jieħdu diversi forom. B'hekk, fil-qasam marittimu, jeħtieġ li wieħed jagħmel distinzjoni bejn il-*clusters* nazzjonali – li ta' spiss iservu ta' vuċi għal ċerti oqsma jew professjonijiet marittimi – u l-*clusters* reġjonali (fi Franza msejħin «*pôles de compétitivité*»). Dawn ta' l-aħħar huma ddedikati għall-iżvilupp ta' l-ekonomija marittima permezz ta' l-innovazzjoni u t-tqarrib tar-riċerka, it-taħriġ u l-industrija. Dawn jakkompanjaw proġetti ta' riċerka (tnissil tal-proġett, tfittxija għal sħab u finanzjament), jiffavorixxu l-aċċess ta' l-SMEs għal swieq ġodda u b'hekk jingħaqdu b'mod sħiħ ma' l-objettivi ta' l-istrateġija ta' Liżbona – din ta' l-aħħar tirrikonoxxi l-importanza kollha tal-linji politiċi ta' innovazzjoni.

L-innovazzjoni hija neċessità fil-qasam marittimu, b'mod partikolari għas-setturi tal-bini ta' bastimenti u tal-loġistika (il-bini u l-kunsinna ta' bastiment huma l-frott ta' ħidma ta' xibka wiesgħa ta' fornituri), ta' l-isfruttar tar-riżorsi ta' enerġija u bijoloġiċi tal-baħar (estrazzjoni ta' żejt *off-shore*, użu ta' enerġija rinnovabbli ġġenerata mill-kurrenti, mill-mewġ u mill-mareat, żvilupp ta' molekuli ġodda maħluqa mill-bijodiversità marittima,...), tas-sigurtà, tas-sorveljanza u fl-aħħarnett ta' l-ambjent: prevenzjoni tar-riskji, ġlieda kontra l-effetti tal-bidla tal-klima, l-iżvilupp ta' turiżmu sostenibbli integrata mal-ħarsien tal-kosta.

Minbarra li huma organiżmi ta' innovazzjoni, il-*clusters* jippermettu wkoll iż-żamma, fuq livell reġjonali, ta' l-għarfien marittimu ta' l-Unjoni Ewropea peress li, min-natura tagħhom stess, huma jiġbru fi ħdanhom kemm atturi ta' l-industrija

(1) Analista tal-politika, Kummissjoni Ewropea, DĠ Politika Reġjonali, Taqsima "Żvilupp tematiku, Impatt".

## Il-*cluster* marittimu tal-Finlandja

Fil-Finlandja, inħolqu 13-il *cluster* fil-qafas tal-»Programm ta' ċentri ta' kompetenza « implimentat mill-Kunsill ta' l-Istat għall-perijodu 2007-2013.

Il-missjoni tal-*Cluster* marittimu Finlandiż hija li tħaffef u tagħmel aktar dinamiku l-iżvilupp ta' l-attivitajiet, it-taħriġ u r-riċerka applikata f'setturi bħalma huma l-bini ta' bastimenti, l-*off-shore* u l-loġistika marittima. L-oqsma ta' azzjoni privileġġjati jikkonċernaw l-argumenti u t-teknoloġiji ta' ipproċessar, il-globalizzazzjoni tas-settur, is-sigurtà u l-kwistjonijiet ambjentali, u l-iżvilupp ta' l-intrapriżi.

Ħames ċentri ta' kompetenza, li jiġbru fi ħdanhom industrijalisti u riċerkaturi ta' l-ogħla livell, għandhom sehem attiv f'dan l-*cluster* li l-koordinazzjoni tiegħu hija assigurata minn Koneteknologiakeskus Turku Oy. Dawn huma ċ-ċentri tax-Xlokk tal-Finlandja, tal-Lbiċ tal-Finlandja, tal-Punent tal-Finlandja, Satakunta kif ukoll iċ-Ċentru ta' Kompetenza tal-Metallurġija ta' l-Arka ta' Botnija.

L-istrateġija tal-*cluster* hija mmirata li tiffaċilita l-ħolqien ta' attivitajiet, prodotti u servizzi innovattivi; ittejjeb il-produttività u x-xogħol fi ħdan netwerk; u tkabbar il-provvista ta' ħaddiema kkwalifikati. B'hekk l-għan hu li tippromwovi ż-żjieda ta' investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp u t-titjib tal-kompetenzi ta' l-intrapriżi, l-iskambju u ċ-ċentralizzazzjoni ta' l-informazzjoni, l-organizzazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi, il-globalizzazzjoni u l-kooperazzjoni ta' l-SMEs.



*Kuntatt: Mervi Pitkänen, Direttur tal-Programm.*
*mervi.pitkanen@koneteknologiakeskus.fi*

kif ukoll dawk tat-taħriġ professjonali. Għal din ir-raġuni, l-iżvilupp tal-*clusters* irid jiġi akkompanjat minn investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu. In-nuqqas potenzjali ta' baħħara kkwalifikati fil-fatt jista' jkollu konsegwenzi allarmanti, b'mod partikolari fuq l-infrastrutturi tas-sigurtà marittima. Fl-aħħar mill-aħħar, jeżisti wkoll ir-riskju li naraw ċerti *clusters* jiddgħajfu jew jerġgħu jinstallaw irwieħhom f'reġjuni li joffru ħaddiema aktar ikkwalifikati.




*Lanċa fil-port ta' Kiel (il-Ġermanja)*

## Appoġġ Ewropew

L-Unjoni Ewropea tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' *clusters* marittimi b'diversi modi . L-ewwelnett, il-Kummissjoni Ewropea ħadet sehem fis-sena 2005 fil-ħolqien tal-pjattaforma teknoloġika WATERBORNE(1), li tiġbor l-atturi ewlenin tat-trasport marittimu. L-objettiv huwa li tiddefinixxi, madwar gruppi tematiċi (bini ta' bastimenti, navigazzjoni, sistemi, sigurtà,...), viżjoni għal żmien twil f'settur li – għall-iżvilupp tiegħu – jiddependi fuq progressi teknoloġiċi maġġuri. Din il-pjattaforma għandha wkoll l-iskop li tallinja l-prijoritajiet tar-riċerka marittima Ewropea skond il-ħtiġijiet ta' l-industrija (l-appoġġ lill-*clusters* jagħmel parti minn dan).

Barra dan, permezz ta' l-inizjattiva EUROPE INNOVA(2), il-Kummissjoni Ewropea pproċediet għal eżerċizzju ta' immappjar tal-*clusters* Ewropej. L-objettiv huwa li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha mappa pan-Ewropea minn issa sat-tmiem tas-sena 2007 għall-Istati Membri kollha, hija u tidentifika l-inizjattivi li ttieħdu fir-rigward ta' *clustering* fuq livelli nazzjonali u reġjonali.

Il-Kummissjoni nediet ukoll numru ta' netwerks fil-qasam tar-riċerka u ta' l-innovazzjoni, spiss bl-objettiv ta' skambju tal-prattiki tajbin. Madankollu, dawn in-netwerks jistgħu

(1) http://www.waterborne-tp.org/
(2) http://www.europe-innova.org/index.jsp

fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għall-ħolqien ta' *clusters* transnazzjonali. Sabiex tiġi mqanqla din il-kooperazzjoni bejn *clusters* Ewropej u jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' proġetti ġodda b'dimensjoni kontinentali, il-Kummissjoni waqqfet f'Lulju 2007 l-Osservatorju Ewropew tal-*Clusters* (dejjem fil-qafas ta' l-inizjattiva EUROPA INNOVA). Ir-rwol ta' dan l-Osservatorju ser jkun li jiġbor informazzjoni statistika, jiżviluppa indikaturi għall-kejl tad-dinamiżmu tal-*clusters* Ewropej u jevalwa l-impatt tal-linji politiċi nazzjonali u reġjonali ta' *clustering*. Dan ix-xogħol ser jakkompanja dak immexxi minn ċerti *clusters* Ewropej sabiex jiffaċilita t-trasferiment ta' l-azzjonijiet mwettqa mir-reġjuni l-aktar avvanzati (il-pajjiżi Nordiċi, ir-Renju Unit, l-Awstrija, Spanja, l-Italja ta' Fuq ...) lejn ir-reġjuni u l-Istati membri fejn n-netwerks ta' intrapriżi għadhom bilkemm żviluppati. Ovvjament, il-*clusters* marittimi ser jibbenifikaw kemm minn dawn l-inizjattivi kif ukoll mill-azzjonijiet immexxija mill-Osservatorju Ewropew.

Fil-qasam tar-riċerka, ċerti *clusters* orjentati lejn dawn l-attivitajiet jibbenifikaw minn finanzjament tal-Programm Qafas ta' l-Unjoni Ewropea, jiġifieri permezz tal-proġett pilota "Ir-reġjuni ta' l-għarfien" – l-iskop ta' dan l-appoġġ huwa li jiġu żviluppati l-ħiliet ta' riċerka tar-reġjuni u dawn l-istess attivitajiet ikunu ntegrati fl-istrateġiji reġjonali ta' żvilupp.

## *Clusters* u koeżjoni

Finalment, il-*clusters* jistgħu jibbażaw fuq appoġġ importanti tal-politika Ewropea ta' koeżjoni. Fil-fatt, fost l-investimenti li ser jsiru fil-perijodu 2007-2013, l-innovazzjoni tidher bħala settur prijoritarju għar-reġjuni u l-Istati Membri kollha: l-investiment fl-innovazzjoni ser jippermetti l-kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-iżvilupp tal-*clusters* huwa wieħed mill-mezzi li r-reġjuni għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom. L-Orjentazzjonijiet strateġiċi Komunitarji għal li għandu x'jaqsam mal-koeżjoni adottati mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2006, jippreċiżaw li l-investimenti li ser isiru fil-qasam tar-riċerka u ta' l-iżvilupp għandhom jippermettu *"tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi, kif ukoll bejn l-intrapriżi u l-istituzzjonijiet ta'*



*Terminal tal-karrozzi fil-port ta' Valenzja (Spanja)*

### Pomeranja, "Pajjiż ta' l-Ambra"

Il-kosti tal-Pomeranja (il-Polonja) huma għonja fl-ambru, l-olearaża fossili mnixxija minn siġar koniferużi madwar erbgħin miljun sena ilu. Fir-reġjun, madwar 10 000 impjieg dirett jiddependu minn dan ir-riżors tassew imfittex, li l-esportazzjoni tiegħu jiġġenera 350 miljun ewro fis-sena.



Għalhekk il-ħolqien ta' «*Cluster* ta' l-ambra» li jiġbor l-atturi kollha kkonċernati f'dan il-qasam: artiġjani u intrapriżi ta' ġojjelli u ta' prodotti ta' sbuħija b'bażi ta' ambra, awtoritajiet lokali u reġjonali, l-Istitut għall-ekonomija tas-suq u s-Soċjetà tal-fieri internazzjonali ta' Gdańsk (li kull sena torganizza l-wirjiet «Amberif» u «Ambermart»), mużewijiet, universitajiet, gruppi u assoċjazzjonijiet oħra relatati mas-settur...

Waqt li tiġbor u tgħaqqad it-tradizzjoni, l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni, din il-bażi ta' kompetittività timmira l-aktar sabiex tagħti valur akbar lill-materja prima, kemm fil-kwantità kif ukoll fil-kwalità, twessa' u tikkonsolida s-swieq għall-prodotti ta' l-ambra, u tiżviluppa turiżmu bbażat fuq dan ir-riżors prezzjuż. Hekk kif jgħidu l-promoturi tiegħu, l-għan huwa li l-Pomeranja ssir il-»Pajjiż ta' l-Ambra» u Gdańsk il-»kapitali ta' l-Ambra».

***Kuntatt:*** *Krystyna Wróblewska*
*Directtriċi, Servizz tal-Kooperazzjoni internazzjonali, Uffiċju tal-Marixxal tal-Vojvodja tal-Pomeranja.*
*k.wroblewska@woj-pomorskie.pl*

*riċerka pubblika / ta' tagħlim avvanzat, per eżempju, permezz ta' appoġġ għall-ħolqien ta' clusters ta' eċċellenza reġjonali u transreġjonali".* Ovvjament dan japplika għar-reġjuni tal-kosta u għall-*clusters* li huma ser jiżviluppaw fis-settur marittimu. Dejjem fil-qafas tal-politika Ewropea ta' koeżjoni, l-inizjattiva *"Ir-Reġjuni, protagonisti tat-tibdil ekonomiku"* (ara l-kaxxa) ser tippermetti wkoll, permezz ta' netwerks ta' kooperazzjoni li jinvolvu lill-awtoritajiet reġjonali, l-iżvilupp tal-potenzjal kollu li jirrappreżentaw il-*clusters*.

## Formola ta' valur permezz ta' l-inizjattiva "Ir-Reġjuni, protagonisti tal-bidla ekonomika"

Mis-sena 2008 'l quddiem, ir-reġjuni marittimi ta' l-UE ser ikollhom il-possibbiltà li jikkooperaw flimkien fil-qafas ta' l-inizjattiva «*Ir-Reġjuni, protagonisti tal-bidla ekonomika.*» Bl-appoġġ tal-programm ġdid ta' kooperazzjoni interreġjonali INTERREG IVC, din in-netwerk ta' attivitajiet ser tkun organizzata madwar 30 tema prijoritarja bi tnejn minnhom adattati b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' *clusters* marittimi: «*Nibbenifikaw mill-ibħra u l-oċeani*» u «*Intejbu l-ħila tar-reġjuni għal li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-innovazzjoni*».

L-idea hi li, fl-ewwel lok, ir-reġjuni jidentifikaw u jħaddmu flimkien l-aħjar proġetti tagħhom skond dawn it-30 tema prijoritarja. Imbagħad, fit-tieni lok, li jpoġġu x-xogħol tagħhom *online* sabiex ikun aċċessibbli għal dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi, esperti u organizzazzjonijiet ikkonċernati sabiex jitgħallmu minn dawn il-proġetti u jintegrawhom fil-programmi ta' operazzjoni tal-politika ta' koeżjoni.

L-aqwa netwerks tematiċi proattivi fid-diffużjoni u l-integrazzjoni tar-riżultati ser jibbenefikaw mill-assistenza kontinwa – f'termini ta' kompetenza u servizzi – li l-Kummissjoni Ewropea ser tipprovdi fil-qafas tas-»sezzjoni mgħaġġla» ta' l-inizjattiva.

***Għal aktar tagħrif:***
***http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/interregional/ecochange/index_en.cfm***

Mis-sena 2005 'l hawn, l-Unjoni Ewropea għandha r-rieda li twaqqaf politika marittima integrata. Dan l-interess ġdid għall-attivitajiet marittimi tefa' dawl fuq l-importanza ekonomika tagħhom kif ukoll fuq l-interkonnessjoni bejniethom; fakkar ukoll il-kontribuzzjoni ta' dawn l-industriji fil-proċess ta' tkabbir Ewropew u l-ħtiġijiet tagħhom għal li għandu x'jaqsam ma' l-innovazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Unjoni ser tkompli tappoġġja l-iżvilupp ta' *clusters* marittimi innovattivi, fuq kollox permezz tal-linji politiċi tagħha ta' riċerka, ta' koeżjoni u ta' azzjonijiet favur l-intrapriżi u l-industrija b'mod ġenerali. Il-*clusters* jistgħu jkunu l-istrument prinċipali ta' politika marittima ambizzjuża, li jippermetti kemm riżultati konkreti għal li għandu x'jaqsam ma' l-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll żvilupp ekonomiku tat-territorji.



*Żvilupp ta' port għall-kontenituri f'Las Palmas (Gżejjer Kanarji, Spanja)*

(1) http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/2007/osc/index_en.htm

Il-FEDER fl-azzjoni

## LITWANJA

### Restawr ta' moll tal-port ta' Mersrags



**Spiża totali:** 2 000 000 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 1 300 000 EUR

«Dan il-proġett, li ġie implimentat fl-2006 u l-2007, jikkonsisti f'restawr u titwil b'120 metru tal-moll tat-tramuntana tal-port ta' Mersrags. It-tul totali ta' l-istruttura ser jilħaq 430 metru, li ser jippermettilha tilqa' iktar bastimenti tal-merkanzija u b'hekk tiżviluppa r-reġjun u l-ekonomija lokali. Permezz ta' dan, il-port u l-awtoritajiet lokali ser jiggwadanjaw għal dak li għandu x'jaqsam ma' stabbiltà finanzjarja, filwaqt li ser jinħolqu impjiegi ġodda.»

***Sanda Rieksta**, Kap ta' l-Unità ta' Informazzjoni, Dipartiment tal-Fondi Ewropej*
***www.esfondi.lv***

## L-ITALJA

### Il-port ġdid għat-tbaħħir ta' divertiment ta' Vieste



**Spiża totali:** 12 700 000 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 1 400 000 EUR

«L-għadd kbir ta' dilettanti tat-tbaħħir li kull sena jżuru l-kosti tal-Pulja minn issa 'l quddiem ser ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom 650 post ta' irmiġġ għal żmien twil jew qasir fil-port il-ġdid tal-jottijiet ta' Vieste skond il-Programm reġjonali operattiv 2000-2006. Il-proġett kopra t-twettiq ta' l-infrastrutturi kollha meħtieġa għal servizzi bażiċi jew avvanzati: siti navali, żona ta' irmiġġ, żona kummerċjali u klabb nawtiku, servizz tax-xitwa u manutenzjoni ta' inġenji tal-baħar żgħar, eċċ. Ix-xogħlijiet inkludew it-titwil tal-moll, it-tħammil tal-port, it-tfassil ta' moll u t-tqegħid ta' pontuni li jżommu f'wiċċ l-ilma, il-kostruzzjoni ta' 6 bastimenti kummerċjali u xogħlijiet fil-port bħal *hangars*. B'hekk il-port ġdid għandu l-kapaċità li jilqa' madwar 3 500 jott fis-sena. «

***Francesco Antonio Piracci,** Aurora – Porto Turistico di Vieste SpA.*
***info@portoaurora.eu***

## AŻORES (Il-PORTUGALL)

### Netwerk internazzjonali ta' segwitu oċeanografiku



**Spiża totali:** 200 000 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 170 000 EUR

«In-nuqqas ta' informazzjoni u t-topografija kumplessa ta' l-arċipelagu jagħmluha diffiċli biex wieħed ibassar il-moviment tal-mewġ, tal-mareat u tal-kurrenti madwar l-Ażores. Il-proġett CIMBA jimmira sabiex jikseb xbihat bi tliet dimensjonijiet tal-kurrenti ta' l-oċeani u jagħmel studju tal-varjazzjonijiet staġjonali ta' dawn il-kurrenti. Il-ħolqien ta' netwerk internazzjonali ta' segwitu oċeanografiku madwar l-arċipelagu ser jippermetti fuq kollox l-identifikazzjoni tal-postijiet favorevoli għall-produzzjoni ta' enerġija mill-mewġ kif ukoll taż-żoni bi produttività bijoloġika qawwija.»

***Ana Martins**, Uffiċjal Responsabbli għall-proġett, Dipartiment ta' l-Oċeanografija u tas-Sajd, Università ta' Ażores.*
***anamartins@notes.horta.uac.pt***
***http://oceano.horta.uac.pt***

## L-ESTONJA

### Ġestjoni tal-bajja ta' Pärnu



**Spiża totali:** 1 300 000 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 831 000 EUR

«Minħabba l-pożizzjoni ġeografika, l-arkitettura antika u l-attività kulturali tagħha, Pärnu (44 000 abitant) hija l-aktar lokalità magħrufa maġenb il-baħar fl-Estonja.» Il-bini, grazzi għal FEDER, ta' *promenade* ġdid imfassal tul il-bajja mmodernizza d-dehra tal-lokalità u kkontribwixxa sabiex isaħħaħ l-attrazzjoni tagħha bħala destinazzjoni turistika.»

***Mirje Auksmann**, koordinatur tal-proġett, Belt ta' Pärnu*
***mirje.auksmann@lv.parnu.ee***

Xhieda

# "Il-politika marittima Ewropea tal-ġejjieni ser tkun kemm reġjonali kif ukoll mondjali"



**Xavier Gizard**, *Segretarju ġenerali tal-Konferenza tar-reġjuni periferali marittimi (CRPM-CPMR)*

Il-bidla tal-klima, id-domanda għall-enerġija u l-globalizzazzjoni daħlu f'daqqa waħda fl-aġenda politika ta' l-Unjoni, taħt il-pressjoni ta' ċerti avvenimenti.

Kif għandhom jiġu indirizzati dawn il-bidliet, liema strateġiji għandhom jiġu mfassla għall-ħarsien tal-popolazzjonijiet u biex tingħata ħajja lit-territorji? It-68 000 kilometru tal-kosta Ewropea huma żoni ta' attività qawwija, min-naħa waħda minħabba l-ħajja ekonomika tagħhom u min-naħa l-oħra minħabba l-importanza tal-popolazzjoni tagħhom li tirrappreżenta 50% tat-total. Naturalment, dan jimponi ċertu numru ta' problemi ta' sigurtà għall-ġejjieni jekk l-elevazzjoni tal-livell tal-baħar u l-multiplikazzjoni ta' avvenimenti ta' oriġini klimatika bħaz-tsunamis, iċ-ċikluni u t-tempesti – li regolarment jheddu l-ħajja ta' miljuni ta' individwi – iseħħu fir-realtà. Il-feġġa ta' dawn il-bidliet fil-klima turi biċ-ċar il-ħtieġa li nsaħħu l-adattament tar-reġjuni marittimi għall-konsegwenzi ta' dawn il-fenomeni, flimkien ma' miżuri ta' titfija.



*Il-port ta' Bari (l-Italja)*

Fuq livell ekonomiku, dan l-adattament irid jikkunsidra l-potenzjal ta' tkabbir u ta' użu tal-kosti: it-turiżmu fiż-żoni tal-kosta, per eżempju, jikkontribwixxi waħdu biss għal 5% tal-PGD u jirreġistra żjieda ta' 3% kull sena. Mingħajr ma ninsew l-1 200 port tal-kontinent li jirrappreżentaw riżors li jista' jiġi sfruttat, kif ukoll is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli li grazzi għar-riħ, għax-xemx u għall-moviment tal-mareat dejjem ser ikunu abbondanti tul il-kosti.

Ir-reġjuni membri tas-CRPM ġew assoċjati b'mod strett mad-diskussjonijiet dwar il-politika tal-baħar fl-Ewropa, huma u jipproponu bosta ideat, sew biex jivvalorizzaw fuq livell ekonomiku l-potenzjal marittimu Ewropew kif ukoll biex iħaddmu mudell ġdid ta' żvilupp, ibbażat fuq il-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli u fuq il-ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta.

Huma jilqgħu l-punti pożittivi li jinsabu fil-»*Blue paper għal politika marittima integrata ta' l-Unjoni Ewropea*»: il-ħolqien u t-twaqqif ta' *clusters* marittimi, it-tnedija ta' proġetti-piloti sabiex jittaffew l-effetti tal-bidla tal-klima fuq il-kosti, kif ukoll l-istrateġija Ewropea għar-riċerka marina u marittima li l-Kummissjoni ser tippreżenta fis-sena 2008.

Ir-reġjuni Ewropej ser ikollhom rwol tassew importanti fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet. Iżda l-baħar u l-oċean m'għandhomx limiti! Id-dimensjoni mondjali ser tkun ukoll evidenti fil-linji politiċi marittimi, u r-reġjuni ultraperiferali, minnhom infushom, ser jgħaddu din id-dimensjoni lill-politika marittima futura ta' l-Unjoni – iktar u iktar f'kuntest ta' aċċelerazzjoni tal-proċessi ta' globalizzazzjoni.

Huwa għalhekk li l-Ewropa ser teħtieġ taqsam u tikkronfonta l-analiżi u l-interrogazzjonijiet tagħha ma' dawk ta' kontinenti u protagonisti oħra tal-politika marittima għas-seklu XXI. F'dan l-ispirtu, ir-reġjuni tas-CRPM u ċerti protagonisti marittimi mondjali ltaqgħu f'Ażores waqt seminar f'Lulju 2007 dwar "*Il-politika marittima u l-globalizzazzjoni*", li ġab konfront bejn l-esperjenzi Ewropej, Ċiniżi, ta' l-Amerka ta' Fuq, Awstraljani u Indoneżjani. F'dan l-istess spirtu, is-CRPM ħalqet ukoll l-ewwel netwerk mondjali ta' reġjuni: il-Forum globali ta' assoċjazzjonijiet ta' reġjuni tad-dinja (FOGAR). Fil-qasam marittimu, bħal f'setturi oħra li joħolqu sfidi mondjali, ser jeħtieġ li r-reġjuni Ewropej jagħmlu alleanza ma' dawk ta' kontinenti oħrajn.

***Kuntatt:*** *http://www.crpm.org/*

Kummentarju

## Ristrutturar u żvilupp integrat f'Asturja (Spanja)

# Il-ġejjieni jinsab mal-kosta

**Flimkien mar-ristrutturar tas-setturi ewlenin ta' l-ekonomija tiegħu, fosthom il-biedja, is-sajd, u l-industrija ta' l-azzar, ir-reġjun ta' l-Asturja bi ħsiebu jivvalorizza l-assi naturali, kulturali u umani tal-kosta tiegħu, sabiex jassigura l-iżvilupp (mill-ġdid) tagħhom. Din hija fil-qofol l-istrateġija marittima reġjonali.**



Castropol, fil-punent estrem ta' l-Asturja

«*Il-muftieħ tas-suċċess tagħna, huwa li anki l-intrapriżi jikkunsidraw il-kosta bħala t-teżor ta' l-Asturja*», jgħid sodisfatt Manuel Carreri de Roa, b'ton kburi waqt li juri l-bajja stupenda ta' Penarronda, taħt l-irdum. Manuel huwa wieħed mill-ħames persuni responsabbli għall-ippjanar urban tal-»POLA», il-Pjan ta' organizzazzjoni tal-kosta ta' l-Asturja. Hawnhekk, viċin ta' Castropol, eżatt qabel ma tibda Galizja, il-POLA ħalaq wieħed mit-tliet «beach parks» ta' Asturjani li diġà ġew żviluppati. «*L-objettiv huwa li jitfasslu ħmistax minnhom minn issa sas-sena 2015*", jippreċiża Manuel. "*Il-bajjiet tagħna huma tassew sbieħ imma żgħar u frekwentati ħafna fis-sajf. L-ewwelnett il-proċess jikkonsisti fit-tneħħija tal-vetturi tar-ramel'. Penarronda jilqa' eluf ta' persuni f'Lulju-Awissu. Qabel ma tfasslu dawn il-mogħdijiet kif ukoll l-ipparkjar li qed taraw hemm isfel, kulħadd kien jipparkja fuq din l-art ramlija, kważi fuq il-bajja. Illum il-ġurnata, in-nies iridu jimxu xi mitt metru iżda n-natura reġgħet ħadet id-drittijet tagħha; qed naraw ukoll ir-rikostruzzjoni tad-duni u r-ri-installazzjoni tal-pjanti tipikament tal-kosta bħall-qasab tar-ramel.*»

B'baġit ta' 80 miljun ewro fuq medda ta' għaxar snin, il-POLA huwa l-kontribuzzjoni Asturjana għall-ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta, strateġija li permezz tagħha r-reġjun huwa pijunier fi Spanja(1). Barra dan l-esperti tal-POLA ħadu sehem b'mod attiv fil-konsultazzjoni dwar l-istrateġija marittima reġjonali elaborata fis-sena 2007 (ara l-kaxxa). Filwaqt li ilha tinħadem mis-sena 2005 u ġiet ippremjata fis-sena 2006 mill-Kunsill Ewropew ta' dawk li Jippjanaw l-Iżvilupp Urban, il-Pjan huwa l-frott ta' proċess reġjonali li ngħata bidu fil-bidu tas-snin 90 u li inizjalment kien jimmira għar-riġenerazzjoni u l-ħarsien ta' l-ikbar numru possibbli ta' siti naturali fuq medda ta' 500 kilometru, li minnhom tul ta' madwar 400 kilometru ta' kosta jinsabu fl-Asturja. «*Il-kosta Asturjana għaddiet minn paradoss*», tispjega Maria José Rodríguez, direttriċi tad-Dipartiment għall-Affarijiet Ewropej tar-Reġjun ta' l-Asturja: «*minn naħa waħda, huwa hemmhekk li nstallaw rwieħhom l-industriji*

(1) Bejn is-snin 2003 u 2006, il-Prinċipat ta' l-Asturja ippilota l-proġett "Coastatlantic" li ħadu sehem fih 11-ir-reġjun ieħor ta' l-Ewropa dwar it-tema tal-ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta (ara l-intestatura "INTERREG fl-azzjoni").

*kbar… Min-naħa l-oħra, n-nuqqas ta' komunikazzjonijiet terrestri tajbin li għal żmien twil iżola r-reġjun issalvagwardja biċċa kbira minn din il-kosta. Aħna r-reġjun ta' l-Ewropa li l-aktar għandu siti naturali rikonoxxuti mill-UNESCO. Dan ma jfissirx li ma kienx wasal iż-żmien li nintervjenu: ir-rotot il-ġodda jqiegħdu lil Madrid inqas minn erba' sigħat 'il bogħod minn hawn u n-numru ta' residenzi sekondarji żdied bil-qawwi minn xi snin 'il hawn. Iżda grazzi għall-POLA, issa għandna l-istrumenti meħtieġa sabiex nirrikonċiljaw il-ħarsien tal-kosta u t-turiżmu sostenibbli.* «

It-turiżmu huwa waħda mid-direzzjonijiet ewlenin li qed jieħu r-reġjun sabiex jassigura l-iżvilupp mill-ġdid tiegħu. Dan huwa viżibbli b'mod partikolari f'Luanco (5 000 abitant), li s'issa huwa kemm port tas-sajd kif ukoll bażi għall-industrija ta' l-azzar. «*Dawn iż-żewġ attivitajiet qed jiġu ristrutturati, iżda, bil-viċinanza tal-Kap ta' Peñas u l-qagħda tagħna fin-nofs bejn Avilés u Gijón, aħna qegħdin f'post verament tajjeb għall-iżvilupp tat-turiżmu u l-attivitajiet ta' divertiment*», jafferma Victor Cuervo, direttur tas-Servizz muniċipali ta' taħriġ u impjiegi. Il-programm b'mod partikolari jikkonsisti fil-ħolqien ta' intrapriżi turistiċi (b'fondi EQUAL), żieda ta' postijiet ta' akkomodazzjoni rurali (b'LEADER+), tfassil ta' port tat-tbaħħir (b'FEDER u INTERREG) u taħriġ professjonali (800 000 ewro fis-sena iffinanzjati mill-FSE) sabiex inwieġbu għad-domanda turistika. «*Din m'hijiex bidla radikali*», jissokta jgħid Constantino Roces, direttur taċ-Ċentru ta' Taħriġ agroalimentari ta' Luanco. «*M'hemmx bżonn nivvintaw ir-rota mill-ġdid: permezz tat-taħriġ tagħna, m'aħna qed nagħmlu xejn ħlief niddiversifikaw u napprofondixxu attivitajiet u għarfien tradizzjonali: ħanut fejn jinbiegħ il-ħut, serra, ħanut tal-ħobż u tal-ħelu, ikel ibbażat fuq il-prodotti lokali…*» U r-riżultati huma hemm: «*madwar 80% ta' min jitħarreġ isib impjieg mill-ewwel. F'ċerti oqsma, b'mod partikolari tal-ħut, il-provvista ma tlaħħaqx mad-domanda*», tindika Ines Lombas, professur tal-bijoloġija fiċ-Ċentru.

## Mis-sunnara sal-furketta

Għalkemm is-sajd Asturjan, bħal f'inħawi oħrajn fl-Ewropa, qed jgħaddi minn diffikultajiet kbar, is-settur għad għandu x'joffri: l-ewwelnett, is-sajjieda jisħqu fuq il-kwalità u t-traċċabilità sabiex il-qbid tagħhom ikun jista' jmur tajjeb fis-suq; fit-tieni lok, dawk li jipproċessaw il-prodotti tas-sajd qed isaħħu l-unitajiet tagħhom ta' ppakkjar. Fiż-żewġ każijiet, iduru lejn Fondi strutturali u strumenti oħra Ewropej.

Il-komun ta' Cudillero huwa eżempju tajjeb ħafna ta' dan: hawnhekk, fil-qafas tal-proġett teknoloġiku «*Collaboration@Rural*» appoġġjat mis-6 Programm-qafas ta' riċerka u żvilupp (FPRD), l-Għaqda tas-sajjieda Virgen del Carmen qed tesperimenta bi strument ta' traċċabilità totali bl-użu tal-GPS. «*Dan iħares lejn il-proċess mis-sunnara sal-furketta*», jgħid b'entużjażmu Enrique Plaza, mid-Direttorat Ġenerali tas-Sajd tal-Gvern ta' l-Asturja. «*It-traċċabilità hija sħiħa u instantanja: is-sajjieda jmorru fuq il-post tas-sajd tagħhom; matul il-qbid, jagħmlu inventarju tagħhom u jibagħtu din l-informazzjoni lill-port ta' Cudillero permezz tal-WiFi jew tas-satellita; qabel ma jasal il-bastiment, il-persuni responsabbli għall-irkant tal-ħut jistgħu jippubblikaw ċertifikat ta' oriġini kif ukoll numru li jippermetti r-rintraċċar tal-ħuta s'għand il-bejjiegħ bl-imnut. Kulħadd jiggwadanja xi ħaġa: is-sajjied, il-kontrollur, il-proċessur, il-bejjiegħ u, fl-aħħarnett, il-konsumatur…*»




*Taħriġ ta' impjegati ġodda f'Cudillero*

Dejjem f'Cudillero, iżda fil-villaġġ ta' Oviñana, żewġ intrapriżi ta' pproċessar ta' ħut u frott tal-baħar kabbru u mmodernizzaw l-installazzjonijiet tagħhom.
Inocencio Rodriguez, li huwa importatur/esportatur ta' ħut u frott tal-baħar bl-ingrossa, investa 10 miljun ewro fil-kostruzzjoni ta' unità kompletament ġdida msejħa «*Nuevos Desarrolos de la Pesca*» (Żviluppi Ġodda tas-Sajd). «*Jeħtieġ li niżguraw li l-operaturi Asturjani jkollhom il-ħila li jassorbu dak kollu li jiġi mistad hawnhekk u ftit aktar, b'tali mod li l-valur miżjud jibqa' fir-reġjun u wieħed ikun jista' jipproċessa u jesporta l-ammonti żejda* «, jidhirlu dak li huwa wkoll President ta' l-AMPA, l-Assoċjazzjoni tal-Bejjiegħa bl-Ingrossa tal-Ħut tal-Prinċipat ta' l-Asturja. Għajnuna Ewropea ta' 3.5 miljun ewro kkompletaw is-6.5 miljun investiti mill-intraprenditur. L-aktar importanti minn dawn huma fabbrika u laboratorju ta' riċerka ultramoderni, u 80 impjieg ġdid. Investiment iktar modest iżda proċess simili sar mhux 'il bogħod minn hemm, għand Mariscos Oviñana, proċessur ta' prodotti tal-baħar ta' livell għoli, li bena bini ġdid aktar spazjuż. «*Konna lħaqna l-limiti tal-kapaċità tagħna*», jirrakkonta Dionisio Otamendi, proprjetarju ta' l-intrapriża. «*Fil-bliet il-kbar, id-domanda għal platti ppreparati bi frott tal-baħar splodiet; ma stajniex inlaħħqu… Jeħtieġ li ma nħallux din l-okkażjoni taħarbilna.*»

## Tbaħħir ta' divertiment

Li ma jħallux l-okkażjoni taħrab kienet ukoll il-preokkupazzjoni ta' dawk li jmexxu tal-port tat-tbaħħir ta' divertiment ta' Gijón li jinsab fil-qalba ta' l-ikbar belt ta' l-Asturja (250 000 abitant). Maħluqa għoxrin sena ilu, l-istruttura kienet iddgħajfet ftit, peress li t-tbaħħir ta' divertiment huwa inqas ipprattikat fi Spanja minn f'pajjiżi oħra. «*Fi Franza, per eżempju, ġie kkalkulat li kien hemm imbarkazzjoni waħda ta' divertiment għal kull 40 abitant, meta mqabbel ma' imbarkazzjoni waħda għal kull 300 abitant fi Spanja u waħda għal kull 1 000 fl-Asturja*», jinnota José Carlos Martinez, intendent tal-Klabb nawtiku. F'dan is-settur ukoll, it-talba qed

# L-ewwel strateġija marittima reġjonali

**Sabiex jassigura żvilupp integrat, jikkoordina aħjar l-azzjoni tal-protagonisti pubbliċi u privati differenti u jisfrutta l-impatt tal-proġetti, il-Prinċipat ta' l-Asturja waqqaf strateġija marittima reġjonali li għandha tmexxi l-linji politiċi soċjo-ekonomiċi tiegħu tul il-perijodu 2007-2013.**

Miġbur f'dokument bl-isem *"MAREA - La MAR, una estrategia para Asturias"*, il-proċess huwa l-frott ta' konsultazzjoni wiesgħa li mmobilizzat madwar mitt organizzazzjoni u ċittadini matul l-ewwel semestru tas-sena 2007.

## Tmexxija tajba

L-istrateġija marittima reġjonali ta' l-Asturja għandha l-ewwelnett **objettiv ta' tmexxija tajba**. F'qasam li jinkludi kotra ta' setturi u li fih jintervjenu numru kbir ta' amministrazzjonijiet pubbliċi u operaturi privati, id-dokument jimmira l-ewwelnett sabiex jistabbilixxi struttura ta' ġestjoni integrata li timplika l-livelli differenti ta' responsabbiltà reġjonali, nazzjonali u Ewropej. B'hekk, l-istrateġija marittima reġjonali tipproponi strument organizzattiv li nistgħu niġbru fil-qosor b'dan il-mod:

- Fuq **livell reġjonali**, it-twaqqif ta' **Kummissjoni tal-politika marittima** li tiġbor fi ħdanha l-ministeri reġjonali kollha kkonċernati; il-previżjoni ta' l-organi ta' kunsill u ta' assistenza teknika, jiġifieri **Kunsill xjentifiku** (għall-kwistjonijiet ambjentali, l-innovazzjoni...) kif ukoll «**Forum marittimu Asturjan**» (li jiġbor il-protgonisti soċjo-ekonomiċi kollha).
- Fuq **livell nazzjonali**, il-gvern Spanjol jista' jikkoordina l-organizzazzjoni ta' **konferenzi settorjali** kif ukoll l-implimentazzjoni ta' **pjanijiet ta' azzjonijiet komuni** u ta' kooperazzjonijiet bejn Komunitajiet awtonomi tal-kosta; **protokoll ġenerali** miftiehem bejn Madrid u l-Komunitajiet awtonomi tal-kosta għandu jiddefinixxi qafas ġenerali u metodoloġija għal kooperazzjoni għal li għandu x'jaqsam ma' politika marittima integrata.
- Fuq **livell Ewropew**, l-istrateġija marittima Asturjana tipproponi t-twaqqif ta' **qafas ta' kooperazzjoni bejn tliet partijiet**, jiġifieri «**Patt territorjali Ewropew**» bejn il-Komunità awtonoma, l-Istat Spanjol u l-Kummissjoni Ewropea. **Kunsill konsultattiv marittimu transnazzjonali b'kumitati xjentifiċi** jista' jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-linji politiċi u jitfa' dawl fuq id-dibattiti dwar il-kwistjonijiet marittimi fuq livell soprareġjonali.

## Objettivi u prijoritajiet

Il-konsultazzjoni pubblika, il-21 kontribuzzjoni bil-miktub, l-evalwazzjoni mwettqa mir-reġjun innifsu, flimkien mal-*Green Paper* tal-Kummissjoni Ewropea u ma' riflessjonijiet politiċi pertinenti oħra, wasslu għall-objettivi u l-prijoritajiet strateġiċi li ġejjin:

- **Objettiv ambjentali: inħarsu l-kosta u l-baħar** (ħarsien u rijabilitazzjoni tal-kosta u tar-riżorsi marittimi; ippjanar u ġestjoni taż-żoni tal-kosta)
- **Objettiv ekonomiku: nagħmlu użu aħjar mir-riżorsi marittimi u tal-kosta** (titjib tal-kompetittività tas-settur marittimu u ta' l-attivitajiet tal-kosta; iffaċilitar ta' l-attivitajiet ibbażati fuq ir-riżorsi marittimi u tal-kosta u li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli; identifikazzjoni ta' l-attivitajiet ġodda jew possibbli)
- **Objettiv soċjokulturali: intejbu l-kwalità tal-ħajja fuq il-kosta Asturjana** (iffaċilitar tal-ħolqien ta' impjiegi għall-popolazzjoni lokali; titjib tat-tagħmir u s-servizzi kemm għar-residenti kif ukoll għall-viżitaturi; kontribuzzjoni għaż-żamma ta' l-identità kulturali ta' l-ibliet u l-irħula tal-kosta).

Dawn it-tliet objettivi ser jiġu ffaċilitati permezz ta' l-integrazzjoni ta' l-objettivi transversali li ġejjin:

- **Riċerka, żvilupp u innovazzjoni** (promozzjoni ta' riċerka lokalizzata fl-Asturja dwar il-kwistjonijiet marittimi u l-integrazzjoni tagħhom fil-linji politiċi pubbliċi; iffaċilitar ta' l-integrazzjoni ta' l-għarfien xjentifiku u teknoloġiku fis-settur marittimu; simplifikazzjoni ta' l-innovazzjoni).
- **Taħriġ u sensittività** (adattament aħjar tat-taħriġ għas-settur marittimu; ftuħ ta' possibbiltajiet ġodda ta' impjiegi għall-popolazzjoni tal-kosta; ċittadini aktar konxji dwar l-importanza tar-riżorsi tal-baħar u tal-kosta).
- **Elaborazzjoni ta' mudell ta' ġestjoni pubblika innovattiva** (ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta; integrazzjoni ta' klawsoli ambjentali u soċjali fil-kuntratti pubbliċi; ħolqien ta' *databases*, użu ta' indikaturi tal-prestazzjoni,...).

***Għal aktar tagħrif:***
*http://www.asturias.es/portal/site/Asturias/menuitem.fe57bf7c5fd38046e44f5310bb30a0a0/?vgnextoid=c26f8bf1631b1110VgnVCM10000098030a0aRCRD&i18n.http.lang=en http://www.asturias.es*

tisplodi: l-Ispanjoli qed jiskopru l-faxxinu tad-dgħajsa bil-qlugħ jew tal-jott u n-navigaturi Franċiżi qed jibdew isibuha bi tqila sabiex isibu postijiet bi prezz raġonevoli fil-portijiet tagħhom. B'hekk inħolqot opportunità, li l-Awtorità tal-port ta' Gijón, proprjetarja tal-postijiet ta' irmiġġ, iddeċidiet taħtaf f'forma ta' sħubija pubblika-privata. B'hekk, fis-sena 2005, il-konċessjoni tal-port ta' tbaħħir ingħatat lil negozjant privat li investa 4 miljun ewro fit-tkabbir u l-immodernizzar tat-tagħmir: restawr u kostruzzjoni ta' puntuni ġodda sabiex il-postijiet ta' irmiġġ żdiedu b'750 għal 1 100 post, servizzi ġodda (ilma u elettriku b'aċċess faċli, WiFi, sala ta' konferenzi…), kwalità ambjentali (tqassim selettiv ta' l-iskart, standards ISO…). «*Għandna 650 klijent permanenti, ilqajna fis-sena 2006 'il fuq minn elf dgħajsa fi tranżitu u ċ-ċifri qed jikbru*», jispjega Felix Gonzales, responsabbli għall-komunikazzjoni. «*Jeħtieġ ngħidu li aħna l-port ta' tbaħħir l-inqas għali tal-kosta kollha ta' Kantabrija, li Gijón hija belt tassew ħajja u li aħna norganizzaw kull tip ta' attività soċjali u sportiva bħalma huma s-sajd għat-tonn jew ir-regatti flimkien mal-portijiet Franċiżi ta' Arcachon, ta' Royan u ta' La Rochelle.*»

Huwa diffiċli tevalwa l-impatt ekonomiku ta' din il-mewġa ġdida ta' delettanti tat-tbaħħir fuq il-belt. Anki Humberto Moyano, direttur tar-riċerka u żvilupp għall-Awtorità tal-port ta' Gijón, ma jistax iwieġeb għal din il-mistoqsija, minkejja li għandu għarfien enċiklopediku tas-settur marittimu u dwar l-iżvilupp lokali: «*li hu żgur, huwa li l-port ta' Gijón jirrappreżenta 7% tal-PGD ta' l-Asturja.*»

Il-port ta' Gijón, li jipproċessa 20 miljun tunnellata ta' merkanzija fis-sena, ovvjament huwa lieva maġġuri għall-iżvilupp reġjonali. Mis-sena 2004 'l hawn huwa l-oġġett ta' tkabbir appoġġjat b'mod massiv mill-Unjoni Ewropea: 563 900 000 ewro, li kważi nofshom ġew ipprovduti mill-Fondi ta' koeżjoni u 250 000 000 mislufa mill-Bank Ewropew ta' l-Investiment (BEI). Din l-estensjoni ser iżżid il-kapaċitajiet ta' trattament u ta' magażinaġġ tal-merkanzija marittima li tgħaddi mill-ewwel port ta' l-Asturja. B'mod partikolari jeħtieġ li jiġi msaħħaħ il-*breakwater* u li jiġu mkabbra ż-żoni ta' magażinaġġ u ta' ankraġġ, b'tali mod li l-port ikun jista' jilqa' l-akbar bastimenti, b'mod partikolari l-bastimenti għat-trasport tal-kontenituri li għadhom sottorappreżentati f'Gijón filwaqt li dan is-suq jinsab f'espansjoni sħiħa. «*Dawn l-infrastrutturi ġodda kollha ser jippermettulna ngħaddu għall-ogħla veloċità. Nixtieq niġbed l-attenzjoni tagħkom għal dimensjoni oħra ta' Gijón, li mhijiex ta' inqas importanza*», jinsisti Humberto Moyano.



*It-terminal ta' l-azzar tal-port ta' Gijón*



*Iċ-Ċentru Oscar Niemeyer li ser jinbena fil-futur ser jittrasforma l-belt ta' Avilés*

«*Aħna ilna involuti fi proġetti Ewropej ta' riċerka u żvilupp dwar il-portijiet għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena: mhux inqas minn 42 proġett mis-sena 1992... permezz tad-diversi FPRD suċċessivi kif ukoll LIFE u, ovvjament, INTERREG, li sitt proġetti tiegħu jikkonċernawna bħalissa. Fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali li qed inħabbtu wiċċna magħhom, huwa permezz tar-riċerka u l-innovazzjoni li Gijón tassew jista' joħloq valur miżjud, kemm għalih innifsu kif ukoll għall-portijiet l-oħra tal-pjaneta. Per eżempju, il-mudell ta' manutenzjoni b'rispett għall-ambjent li stabbilixxejna għall-materjali volatili ġie esportat kważi kullimkien fid-dinja...*»

## Oscar Niemeyer

Iżda l-Asturja għandha t-tieni port importanti: Avilés. Id-daqs tiegħu għal dak li għandu x'jaqsam mal-merkanzija (6 miljun tunnellata pproċessati fis-sena) huwa inferjuri għal dak ta' Gijón iżda huwa l-ikbar port tas-sajd tal-kosta kollha tal-Kantabrija. Huwa wkoll huwa l-oġġett ta' xogħlijiet importanti ta' estensjoni (suq ġdid tal-ħut, l-iktar modern fi Spanja, mollijiet ġodda u *promenades* tul l-estwarji...), kif ukoll ta' bosta proġetti oħra li jaffettwaw il-belt kollha, sal-punt li Avilés forsi hija l-qofol tar-ristrutturar kollu li qed iseħħ fl-Asturja. Minn belt industrijali imniġġsa ħafna, il-belt (85 000 abitant) qed tittrasforma ruħha ftit ftit f'ċentru ta' servizzi. Hija tagħti wkoll importanza lit-turiżmu u bi ħsiebha ssir, fil-ġejjieni qarib ħafna, ċentru kulturali ta' importanza ewlenija.

Minn għaxar snin 'l hawn, Avilés mmultiplikat il-proġetti ta' tindif u ta' tfassil mill-ġdid urban. «*Il-belt, li kienet strutturata kważi għal kollox fuq l-attivitajiet industrijali, kienet qed tagħti daharha lill-baħar*», jirrakkonta Jorge Juan Manrique, koordinatur tal-proġetti Ewropej għall-muniċipalità ta' Avilés. «*Illum il-ġurnata jeħtieġ nagħtu x-xifer ta' l-estwarju lura lill-belt u lill-abitanti tagħha, nerġgħu insibu ċentru ġdid... Hija biċċa xogħol għat-tul, li teħtieġ l-immobilizzar ta' bosta protagonisti pubbliċi, privati, u assoċjazzjonijiet li għandhom l-interessi rispettivi tagħhom. F'dan ir-rigward, l-istrateġija marittima reġjonali tista' tkun ta' għajnuna kbira.*»

Il-proġett kebbies ta' dan il-proċess huwa bla dubju ta' xejn iċ-Ċentru kulturali internazzjonali spettakulari Oscar Niemeyer li ser jibda jinbena. Imfassal mill-perit kbir Brażiljan, dan il-kumpless ser jikkostitwixxi spjanata wiesgħa u erba' edifiċji futuristiċi fuq sit antik ta' l-industrija ta' l-azzar ta' 44 213 m$^2$ miksub mill-ġdid fuq ix-xatt tal-lemin ta' l-estwarju. Il-kumpless ser ikun fih awditorju ta' madwar 1 000 post, mużew, swali ta' wirjiet u konferenzi, ċinema u ristorant panoramiku. «*Iċ-Ċentru Oscar Niemeyer jiġbor fil-qosor dak kollu li l-Asturjani jridu jikkomunikaw: il-ġejjieni, l-innovazzjoni, l-eċċellenza... U dan kollu għal prezz pjuttost raġonevoli: 30 miljun ewro*», iħabbar Natalio Grueso, li huwa responsabbli għall-proġett. Il-ftuħ huwa mbassar għas-sena 2010. Fl-istennija, Avilés ser tilqa' f'Diċembru 2007 simpożju taċ-ċentri kulturali kbar tad-dinja (Lincoln Center, Centre Pompidou, Sydney Opera House, Hong Kong Cultural Centre...) u Woody Allen ser jigbed film fix-xifer ta' l-estwarju.

***Għal aktar tagħrif:*** *http://www.asturias.es*

Xhieda

INTEREG IIIB Baħar tat-Tramuntana

# "Skambju ta' għarfien dwar ir-riskji ta' għargħar tal-kosta"



***Niels Roode**, kap tal-proġett SAFECOAST, Rijkswaterstaat (Ċentru għall-ġestjoni ta' l-ilma), l-Olanda*

Wara l-għargħar katastrofiku minħabba l-mewġ tal-marea tas-snin 1953 u 1962, il-pajjiżi ta' mal-kosta maġenb tal-baħar tat-Tramuntana stabbilixxew strumenti ta' protezzjoni tal-kosta ta' kalibru għoli: ittellgħu digi u ħitan tal-lqugħ kontra t-tempesti għall-ħarsien taż-żoni baxxi wesgħin, filwaqt li d-duni eżistenti tal-kosta ġew msaħħa. Barra dan, tul is-snin 90, irriżulta li l-provvisti ta' ramel huma miżura tajba u «sottili» għall-ħidma kontra l-erożjoni tal-kosti f'pajjiżi bħall-Belġju, l-Olanda, il-Ġermanja, id-Danimarka u r-Renju Unit.

Iżda jista' jkun li dawn is-suċċessi seħħu biss b'kumbinazzjoni. Matul il-ħamsin sena li għaddew, minkejja investimenti kontinwi għal li għandu x'jaqsam mal-protezzjoni tal-kosta, ir-riskji ta' mwieġ tal-marea żdiedu b'mod konsiderevoli, filwaqt li l-kuxjenza dwar dawn ir-riskji min-naħa taċ-ċittadini u dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi jista' jkun li tonqos minħabba n-nuqqas ta' inċidenti gravi.

Filwaqt li huwa mistenni li l-bidla tal-klima ser tgħaġġel il-proċess ta' tlugħ tal-livell tal-baħar u tikkawża aktar u aktar maltempati vjolenti, il-konsegwenzi ta' l-għargħar qed jiggravaw minħabba l-importanza ta' l-infrastrutturi soċjo-ekonomiċi kkonċentrati f'żoni li jistgħu jegħrqu li suppost huma protetti. It-tsunami fl-Ażja u l-għargħar ta' New Orleans ikkawżat mill-uragan Katrina huma żewġ eżempji spettakulari tal-vulnerabbiltà ta' l-artijiet baxxi tal-kosta. Bl-istess mod, l-għargħar li laqtu l-Ingilterra fis-sajf tas-sena 2007 juru kemm il-bnedmin u l-infrastrutturi huma mhedda fil-pjanuri li jistgħu jegħrqu.

Huma bosta l-inizjattivi li ttieħdu fil-pajjiżi tal-baħar tat-Tramuntana bħala miżuri sostenibbli kontra dawn it-theddid li jiġbru fi ħdanhom is-sigurtà, it-tkabbir ekonomiku u l-ħarsien ta' l-ambjent. Jidher li ħafna tweġibiet jinsabu f'taħlita bbilanċjata bejn funzjonijiet taż-żoni tal-kosta, ippjanar għaqli tat-territorju u tħejjija sabiex niffaċjaw il-kriżijiet, li huma kollha bbażati fuq sforzi kontinwi fil-qasam tar-riċerka.

Id-differenzi fil-kuntest u l-kultura bejn pajjiżi u bejn reġjuni jikkostitwixxu f'dan bażi wiesgħa għal tagħlim reċiproku. Iżda jeħtieġ li jiġu armonizzati l-isforzi u l-fehim għat-trattament effiċjenti ta' l-għarfien u informazzjoni disponibbli sabiex tintlaħaq massa kritika ta' għarfien komuni li fuqha nistgħu nibbażaw.

B'baġit ta' 2.3 miljun ewro li nofsu huwa ta' sors Komunitarju, il-proġett ta' kooperazzjoni INTERREG «Safecoast» jiġbor lil dawk responsabbli għall-ippjanar tal-kosta u riċerkaturi sabiex jinstab mezz għal fehim komuni ta' l-istess problema. Jeħtieġ li nitgħallmu billi naġixxu: li nwettqu flimkien evalwazzjonijiet tar-riskji, norganizzaw kampanji ta' ħolqien ta' kuxjenza, niskambjaw *data* u informazzjoni, noħolqu mapep iddettaljati ħafna u li ma jiqfux fil-fruntieri nazzjonali, eċċ.

Dan kollu għandu jwassal għal rapport awtorevoli ta' sinteżi dwar il-qagħda tar-reġjun tal-baħar tat-Tramuntana sabiex jiċċaraw l-affarijiet f'għajnejn l-amministraturi u dawk li jieħdu deċiżjonijiet politiċi kkonċernati fil-pajjiżi differenti. Ir-riżultati ser ikunu ppubblikati nhar il-21 ta' Mejju 2008 fil-qafas ta' konferenza organizzata flimkien mal-proġett «Chain of Safety» (Katina ta' sigurtà) fejn persuni responsabbli għall-kosti transkonfinali, dawk responsabbli għall-ippjanar u amministraturi ta' kriżijiet ser jingħabru u, wieħed jittama, ser jikkonkretizzaw ideat ġodda sabiex niġġieldu b'mod iktar integrat kontra l-għargħar tal-kosti.

***Għal aktar tagħrif:*** *www.safecoast.org*



*Id-duni joffru kemm protezzjoni kif ukoll panorama*

## INTERREG IIIA l-Irlanda/Wales

### «IMAGIN»: sfruttar ta' l-aggregati tal-baħar ta' l-Irlanda



**Spiża totali:** 1 246 111 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 841 976 EUR

«Is-sorsi għanja ta' materjal li jintuża fil-manifattura ta' brikks u konkrit (żrar, ramel, xaħx...) qed isiru iktar u iktar rari fil-Gran Brettanja u fl-Irlanda. Jeħtieġ li jinstabu riżorsi oħra. L-isfruttar ta' depożiti importanti ta' aggregati li jinsabu fil-qiegħ tal-baħar tan-nofsinhar ta' l-Irlanda jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp tar-reġjuni ta' mal-kosta. Il-proġett 'Irish sea Marine AGgregates Initiative (IMAGIN)' jiġbor bosta organizzazzjonijiet speċjalizzati fl-oqsma tal-ġeografija tal-kosta, il-ġeoloġija, il-ġestjoni tar-riżorsi marittimi, eċċ., bil-ħsieb li jiddefinixxi qafas xjentifiku, strateġiku u operattiv li jista' jiggarantixxi użu ta' l-aggregati b'ħarsien ta' l-ambjent.»

***Gerry Sutton**, Kap tal-proġett, University College Cork.*
***gerry.sutton@ucc.ie***
***www.imagin-eu.org***

## INTERREG IIIB Baħar Baltiku

### «Baltic Gateway»: ngħaqqdu n-Nofsinhar tal-Baltiku



**Spiża totali:** 1 043 500 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 664 500 EUR

«Il-proġett ta' kooperazzjoni 'Baltic Gateway', li huwa appoġġjat minn 38 sieħeb minn 7 pajjiżi, għandu l-ambizzjoni li jiżviluppa sistema kompluta ta' trasport u ta' servizzi loġistiċi ta' kwalità għolja bejn l-Iskandinavja, il-majjistral u ċ-ċentru ta' l-Ewropa, il-pajjiżi Baltiċi, ir-Russja, il-Belarus, l-Ukraina u l-Asja. Dan jikkonsisti fl-iffaċilitar tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli tan-nofsinhar tal-Baltiku. Il-proġett ippermetta l-implimentazzjoni ta' serje ta' studji u wassal għal bosta investimenti ekonomiċi.»

***Bengt Gustafsson**, Koordinatur tal-proġett.*
***bengt.gustafsson@regionblekinge.se***
***www.balticgateway.se***

## INTERREG IIIB Spazju Atlantiku

### "Coastatlantic": ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta



**Spiża totali:** 2 535 079 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 1 753 768 EUR

«L-objettiv tal-kooperazzjoni 'Coastatlantic' huwa li tiffaċilita żvilupp b'saħħtu u sostenibbli taż-żoni tal-kosta permezz ta' strateġija li tikkunsidra d-dimensjonijiet ambjentali, soċjali u ekonomiċi ta' l-ispazju tal-kosta. B'hekk, tnax-il reġjun Atlantiku ta' Spanja, Franza, ir-Renju Unit u l-Irlanda minn issa 'l quddiem iħaddnu viżjoni komuni u omoġenja għal li għandu x'jaqsam ma' l-ippjanar tat-territorju u l-ġestjoni integrata taż-żoni tal-kosta, li kien diġà l-każ f'partijiet oħra ta' l-Ewropa (baħar tat-Tramuntana, baħar Baltiku, Mediterran) iżda inqas fil-każ ta' l-oċean Atlantiku.»

***Guillermo Morales Mato**, Koordinatur tal-proġett.*
***guillemm@princast.es***
***www.coastatlantic.org/***

## INTERREG IIIC tat-Tramuntana

### «InterMareC»: appoġġ għall-*clusters* marittimi



**Spiża totali:** 3 250 000 EUR
**Kontribuzzjoni ta' l-UE:** 1 750 000 EUR

«Il-proġett '*InterMareC - Using maritime clusters to stimulate growth in coastal regions*' – tnissel mill-kooperazzjoni ta' tliet reġjuni periferali iżda li jibbenifikaw minn aċċess dirett tal-baħar: ix-Schleswig-Holstein, il-Brittanja u l-Pomeranja, fit-tfittxija ta' strateġija komuni sabiex jiġi struttat, permezz tal-*clusters* marittimi, potenzjal li għadu ma ntużax. Jeħtieġ nistimulaw f'daqqa l-attivitajiet tas-settur marittimu fi tliet oqsma prinċipali (teknoloġiji *off-shore* u oċeanografiċi, attivitajiet u servizzi tal-kosta, bini ta' bastimenti) u l-ekonomija tar-reġjuni tal-kosta, permezz tal-kooperazzjonijiet bejn awtoritajiet, riċerkaturi u intrapriżi. InterMareC fuq kollox jiżviluppa prodotti ġodda u servizzi f'submarini akustiċi u robotiċi, tbassir 'meteoċeaniku', idrodinamiku u ambjent.»

***Frieder Henf**, Koordinatur tal-proġett.*
***intermarec@kern.de***
***http://www.intermarec.net/offshore-oceanograph.html***

KN-LR-07-023-MT-N

## Sit web Inforegio: il-paġni prinċipali disponibbli fi 22 lingwa

«Il-Politika» u «Il-Mezzi» huma l-ewwel żewġ sezzjonijiet tas-sit Internet ġdid tagħna (flimkien mas-sottosezzjonijiet rispettivi tagħhom) li s'issa huma disponibbli fi 22 lingwa. B'hekk il-viżitaturi jistgħu jaqraw fl-ilsna ta' 27 Stat membru informazzjoni ddettaljata dwar l-istorja, l-objettivi kbar u l-elementi prinċipali tal-politika reġjonali 2007-2013.
http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm

Contacten

Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali «Politika Reġjonali»
Taqsima 01 - «Informazzjoni u Komunikazzjoni»
Ana-Paula Laissy
41, Avenue Tervuren, B-1040 Bruxelles
Fax: +32 2 296 60 03
E-mail: regio-info@ec.europa.eu
Internet: http://ec.europa.eu/comm/dgs/regional_policy/index_en.htm
Informazzjoni dwar l-għajnuna reġjonali ta' l-Unjoni Ewropea
http://ec.europa.eu/comm/regional_policy/index_en.htm

ISSN 1830-9348

*© Komunitajiet Ewropej, 2007*
*Riproduzzjoni awtorizzata, kemm-il darba jissemma s-sors.*

*Stampat fil-Belgju*

*UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI*
*TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ*
*L-2985 Lussemburgu*

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.europa.eu*